# Il-Fondazzjoni GAL MAJJISTRAL ser toħroġ sejħa għall-Miżura 4 – *'Development of Green Infrastructure'* taħt il-programm LEADER 2014 – 2020

Il-Fondazzjoni Gal Majjistral (MAGF) tħabbar li ser toħroġ is-sejħa għall-proposti, għall-mizura 4 taħt il-programm LEADER 2014–2020. Din l-Azzjoni tifforma parti mill-istrateġija għall-Iżvilupp Lokali ta' MAGF.

L-għan tal-miżura huwa li tiġi ssalvagwardjata l-eko-sistema u l-biodiversita', filwaqt li ser ittejjeb il-kwalita' tal-arja kemm tar-residenti kif ukoll tal-viżitaturi li huma interessati li jiskopru r-reġjun aktar fid-dettal. Il-proġetti magħżula ser ikunu qed iservu wkoll bħala spazju miftuħ u ta' rikreazzjoni f'żoni mibnija u oħrajn rurali fl-irħula tat-territorju. Għal din is-sejħa, ġew allokati **€460,000 ta' fondi pubbliċi.**

Il-Benefiċjarji ewlenin taħt din il-miżura huma l-Kunsilli Lokali kif ukoll għaqdiet Volontarji li jaqgħu taħt l-Att. 2007 tal-għaqdiet Volontarji. Il-Benefiċjarji li jintgħażlu ser jingħataw 80% ko-finanzjament. **Se tiġi organizzata laqgħa ta' informazzjoni fuq din il-miżura nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu fis-6:00pm fil-Kunsill Lokali tal-Imġarr.**

Din is-sejħa ser tkun miftuħa **mill-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019. L-ewwel sett ta' applikazzjonijiet jintlaqa' fit-30 ta' April 2019 f'nofsinhar. It-tieni sett jintlaqa' fil-31 ta' Mejju 2019 f'nofsinhar. It-tielet sett jintlaqa' fit-28 ta' Ġunju 2019 f'nofsinhar u r-raba' sett jintlaqa' fit-30 ta' Settembru 2019, f'nofsinhar. It-tieni, it-tielet u r-raba' sett ta' applikazzjonijiet jintlaqgħu biss diment li jkun għad fadal fondi disponibbli mill-ammont allokat għal din is-sejħa**. L-Applikazjonijiet għandhom jiġu sottomessi fl-uffiċċju tal-GAL MAJJISTRAL: 12, Triq it-Tullier, Ħ'Attard. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn: - Telefon: 2099 2080 – email: info@galmajjistral.com. Applikazzjonijiet u linji ta' gwida jistgħu jitniżżlu wkoll minn : www.galmajjistral.com

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

Rata ta' Ko-finanzjament:

75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**

***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***